Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa disgħa u tlettin (39), li kienet laqgħa b'urġenza tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2015 f'nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. Restawr tan-Niċċa tal-Kunċizzjoni

Is-Seg. Eżekuttiv qrat emejl li ntbgħatet mill-Perita Ivana Farrugia. Dok A. Il-Viċi Sindku propona li l-Perita għandha tattendi għal din il-laqgħa. Għal dan il-għan il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv iċċempel lil Perita waqt il-laqgħa sabiex il-membri jkunu jistgħu jistaqsu aktar fuq x'qeda tipproponi. Is-Sindku qal li ma jistgħax jifhem kif il-Perita qed tgħid li l-Kuntrattur preżenti m'għandux esperjenza fir-restawr u fl-istess waqt xorta qabdet lil Kuntrattur biex ikompli x-xogħol it-Tnejn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-*iscaffolding* għaddej b'kera ta' €30 kuljum. Wara li sar kollegament bit-telefon mal-Perita, l-membri ħadu l-parir tal-Perita fejn infurmat lil Kunsill li Tarcisio Xerri mhux addattat biex jagħmel xogħol ta' restawr u qablu li jitqabbad minflok il-Kuntrattur Tarcisio Xerri, il-Kuntrattur Joe Grima, li kien isottometta ukoll kwotazzjoni, sabiex ikompli x-xogħol hu. Wara li ġie avviċinat s-Sur Grima, is-Sur Grima aċċetta li jkompli x-xogħol hu. Is-Sur Joe Grima informa lil Kunsill li jista' jinbeda' x-xogħol fi żmien tlett ġimgħat. Ġie avviċinat ukoll s-Sur Philip Formosa, l-Kuntrattur li minngħandu l-Kunsill qed jikri l-*iscaffolding* fejn miegħu ġie innegozzjat prezz, fejn fuq proposta tas-Sindku, l-prezz ikun €5 kuljum wara li għada it-Tlieta jgħalqu l-15-il ġurnata tal-ftehim ta' qabel bi €30 kuljum. Is-Sur Formosa aċċetta u l-membri qablu unanimament.

S. Borg



Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3. Ġieħ il-Fontana

Is-Sindku innomina żewġ persuni li huma l-mejtin Toni Farrugia u Emanuel Schembri li sa issa għadhom ma ħadux it-trofew ta' Ġieħ il-Fontana, ħlief midalja ta' Ġieħ il-Fontana fil-1997 u li fl-opinjoni tiegħu ħadmu bis-sħiħ għal parroċċa u għal Fontana għal aktar minn 50 sena, b'ħafna xogħlijiet fil-Knisja Parrokjali u l-akkwist ta' l-art ta' madwar il-Knisja mill-Gvern fil-1970, flimkien mal-ex Kappillan Mons Lorenzo Xerri, fejn hemm illum il-*playing field* u l-bini tal-Kunsill u għad trid tinbena l-aħħar fażi. Is-Sur Carmel Farrugia iddikjara kunflitt ta' nteress u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni. Is-Sur Micallef innomina lis-Sna Josephine Galea li fl-opinjoni tiegħu taħdem b'xogħol volontarju għal parroċċa u wkoll tieħu ħsieb l-uffiċċju parokkjali. Il-membri għaddew għal votazzjoni. Is-Sur Mario Mercieca ivvota li tiġi innominata s-Sna Josephine Galea. Il-Viċi Sindku ivvota li jiġu nnominati Toni Farrugia u Emanuel Schembri. Billi s-Sur Carmel Farrugia iddikjara kunflitt ta' nteress, s-Sindku uża l-*casting vote* tiegħu u għalhekk Toni Farrugia u Emanuel Schembri ser jingħataw it-trofew ta' Ġieħ il-Fontana.

Il-laqgħa ntemmet fis-12.45 ta' wara nofsinhar.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555